MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Talba Numru. 175/2013

**Mobisle Communications Limited – C 24655**

**vs**

**Raymond Delia ID 315757M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li l-AVVIZ jghid hekk:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' Attrici s-somma ta'tmien mija tmienja u tmenin Ewro sitta u hamsin centezmi €888.56c liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 50975483 moghtija mis-Socjeta' Attrici skond l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

B'RISPOSTA ntqal hekk:-

1. L-Intimat m'ghandux ihallas il-kontijiet mitluba ghax kien mar jittermina l-kuntratt f'Ottubru 2010 billi kien ser jemigra.

2. Qatt ma nkorra l-ispejjes imsemmija ghax fl-istess okkazjoni kien hallas il-pendenzi kollha biex jaghlaq il-kont.
3. Ma kienx Malta biex itella l-kontijiet pretizi imma kien residenti fl-Ingilterra.

II PROVI

1. Dr. Ingrid Zammit Young ghas-Socjeta' Attrici kkonfermat id-dokumenti annessi mat-talba u qalet li l-ammonti ghadhom dovuti.

2. Xehdet imbaghad Charmaine Wiffen ghas-Socjeta' Attrici wkoll u esibiet id-Dokumenti CW1 sa 17 (*a fol* 23 *et seq*) in gustifikazzjoni tat-Talba.

3. Il-Konvenut ressaq affidavit li fih sostna li hu kien ghalaq is-servizz ta' telefonija billi meta, f'Ottubru 2010, kellu missieru marid l-Ingilterra, b'urgenza ried jitla hdejh. Kien mar l-ufficcju tal-GO f'Rahal Gdid u hallas il-bilanc dovut. Informa wkoll lis-Segretarja li t-telecel kien tilfu jew serquhulu u talabha twaqqaf is-servizz tat-telefon peress li barra minn hekk kien sejjer l-Ingilterra. Fil-kuntratt kellu wkoll kondizzjoni (Dok RD 1 sa 5 minnu esebit mal-Affidavit) li jekk itella debitu ta' €100 kellhom id-dritt li jwaqqfulu s-servizz. Jidher li dan qatt ma sar mill-kumpanija u wara li rraporta s-serqa hallew il-kont jitla ghall-ammont mitlub fl-AVVIZ. Gie lura Malta f'Novembru 2012 u sab dan il-kaz kontrih.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL josserva li hawn ghandna l-eccezzjoni li l-Konvenut m'ghandu jhallas xejn ghax f'Ottubru 2010 kellu bzonn urgenti li jmur l-Ingilterra u mar l-Ufficcju tal-GO ta' Rahal Gdid u hallas il-pendenza u talabhom jaqtghulu s-servizz u gharrafhom li t-telecel kien tilfu jew serquhulu. Imma hawn ghandna l-kelma tieghu biss li mhi appoggata b'xejn.

2. Hu ovvju li wiehed josserva jekk il-konvenut talabx xi ricevuta "in full & final settlement". Anqas nafu setax talabha u ma tawhielux. Anqas hemm xi prova, imqar bidu ta' prova tat-telfien jew serq tat-telecel. Anqas fittex li jikkontroezamina liz-zewg xhieda prodotti mis-Socjeta' Attrici biex jigu mistoqsija jitfghu xi dawl fuq il-proceduri ta' GO f'cirkostanzi msemmija. Wisq inqas ha hsieb itella lil xihadd iehor minn naha ta' GO halli forsi bih jasal fejn ma pprokurax li jasal bix-xhieda prodotti mis-Socjeta' Attrici. Dan kollu ghandu jitqies flimkien.

3. Issemma li l-Kumpanija kienet riservat id-dritt li twaqqaf is-servizz jekk il-klijent jaqa lura b'iktar minn €100 fil-hlas. Imma dan hu dritt fakoltativ ghal min qed joffri s-servizz. Haga li ma gietx ippruvata. Bhekk jew bhekk, f'dinja

kompetitiva jista wiehed ma juzax dan id-dritt biex ma jiksirhiex ma klijent. Jigifieri l-Konvenut ma argumenta xejn konklusivament favuru minn dan.

4. Allura ghandna biss li dak mitlub gie mwettaq bix-xhieda prodotti mis-Socjeta' Attrici.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL, wara li qies kollox, specjalment is-sottomissjonijiet tad-difensuri **jiddeciedi** billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenut u (2) **jilqa** t-Talba Attrici u jghaddi biex **jikkundanna** lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta' Attrici il-*quantum* ta' tmien mija tmienja u tmenin Ewro sitta u hamsin centezmi €888.56c liema hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mil-lum u, fin-nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv u, fic-cirkostanzi (3) **jordna** li l-kawza tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------